MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2013

Appell Civili Numru. 29/1988/2

**Joseph Mifsud, u b'nota tas-7 ta' Lulju 1992,**
**Carmel Mifsud assuma l-atti tal-kawża**
**minflok Joseph Mifsud, stante li jinsab imsiefer**

**v.**

**Saviour maghruf bhala Salvu Ellis u**
**Tonio Ellis, bħala diretturi għan-nom u in**
**rapprezentanza**
**tas-socjeta` "A.F. Ellis Limited"**

**Il-Qorti,**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-attur minn sentenza deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali datata 6 ta' Ottubru 2009. L-appellant hassu aggravat bil-mod kif l-ewwel Qorti interpretat ir-rekwiziti tal-*actio redhibitoria* u wkoll mill-fatt illi l-istess Qorti ikkundannatu jhallas lill-konvenuti nomine il-bilanc tal-prezz dovut meta l-oggetti forniti lilu kienu affetti minn difett latenti.

**2.** Ghall-ahjar intendiment, is-sentenza appellata qed tigi riprodotta fl-intier taghha, mnejn jirrizultaw il-premessi u t-talbiet tac-citazzjoni attrici, l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine u l-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti li wassluha ghall-konkluzjonijiet taghha. Dik is-sentenza tghid hekk:

"Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta illi:

"Billi fis-27 ta' Frar, 1988, l-attur ordna mingħand il-konvenuti nomine kwantita' ta' madum tal-Granit Isfar, liema granit isfar il-konvenuti nomine kellhom jikkonsenjawh, u iqegħduh u jwaħħluh u jogħrkuh u jagħmlulu wkoll "polish" fil-fond "Rustika Notabile Road, Attard.

"Billi l-prezz tal-istess Slabs ta' granit isfar kien ta' Lm3,400.32 li minnhom il-konvenuti nimine ġia irċevew mingħand l-attur is-somma ta' Lm1,000), b'dan li baqa' għalhekk bilanċ ta' LM 2,400.32,0. Billi in segwitu għal tali ftehim ta' bejgħ ta' Granit Slabs, l-attur skopra difetti moħbija fl-istess granit, liema difetti wieħed ma setgħax jinduna bihom qabel, kollox kif jiġi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

"Billi tali difetti, jagħmlu l-istess granit isfar mhux tajjeb għall-użu li għalih xtrah l-attur, tant li kieku l-attur kien jaf b'tali difetti, hu ma kienx jixtri l-istess madum.

"Billi tali difetti, għalhekk taw lok għall-eżerċizzju tal-*actio redhibitoria* da parti tal-attur.

“Talab lill-konvenuti nomine jgħidu għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

“1. m’għandux jiġi dikjarat u deċiż minn din il-Qorti li jeżistu difetti moħbija u latenti fl-imsemmi granit isfar; ta’ entita’ tali li jiġġustifikaw l-eżerċizzju da parti tal-attur tal-*actio redhibitoria;*

“2. m’għandux konsegwentement jiġi rexiss minn din il-Qorti il-ftehim ta’ bejgħ tal-istess Granit Isfar datat 27 ta’ Frar, 1988;

“3. m’għandhomx konsegwentementil-konvenuti nomine jiġu kkundannati minn din il-Qorti jirrifondu lill-attur is-somma ta’ Lm1,000 rappreżentanti akkont tal-prezz imħallas mill-attur lill-konvenuti nomine fis-27 ta’ Frar, 1988.

“Bl-ispejjeż, u bl-imgħax legali mid-data tal-pagament magħmul mill-attur lill-konvenuti nomine sal-effettiv pagament u restitujzzjoni, kontra l-konvenuti nomine, u b’riserva ta’ kull azzjoni ta’ danni kompetenti lill-attur kontra l-konvenuti nomine, inġunti personalment għas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-attur ikkonfermata bil-ġurament tiegħu.

“Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti nomine li eċċepew illi:
“1. Illi għat-talba attriċi hija preskritta stante li l-istess kawża ġiet istitwita tardivament peress li x-xogħol msemmi fiċ-ċitazzjoni tlesta aktar minn xahar qabel id-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni;

“2. Illi bla preġudizzju għall-premess iċ-ċitazzjoni odjerna saret inutilment stante li ma jeżistux id-difetti msemmija fiċ-ċitazzjoni;

“3. Illi fi kwalunkwe każ l-azzjoni odjerna qatt ma tista’ tirnexxi stante li l-attur ma jistax jirritorna l-granit lili

mibjugħ u kkonsenjat u għalhekk l-azzjoni li kellu jeżerċita hija dik aestimatorja u mhux dik redhibitoria;

“4. salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuti nomine kkonfermata bil-ġurament ta’ Saviour Ellis.

“Rat il-kontro-talba tal-konvenuti nomine fejn, wara li ppremettew:

“Illi l-esponenti biegħu u kkonsenjaw, kif ukoll waħħlu fil-fond tal-attur Joseph Mifsud kwantita’ ta’ granit isfar;

“Illi dan kollu ġie mibjugħ għall-ammont totali ta’ tlett elef erba’ mija u żewġ liri maltin u tnejn u tletin cent (Lm3,400.32c) u li minnhom l-attur ħallas s-somma ta’ elf lira maltija (Lm1,000) bħala depożitu u ħlas akkont u għalhekk għad-fadallu jħallas il-bilanċ ta’ elfejn erba’ mitt lira maltija u tnejn u tletin cent (LM2,400.32c);

“Illi l-attur ġie interpellat sabiex iħallas iżda dan baqa’ inadempjenti.

“Talbu lill-attur jgħid għaliex ma għandhiex din il-Qorti:

“1. Tikkundannah iħallas is-somma ta’ elfejn erba’ mitt lira maltija u tnejn u tletin cent (LM2,400.32c) bilanċ minn somma akbar prezz ta’ granit isfar mibjugħ, ikkonsenjat, imwaħħal u ippolixjat fil-fond tal-attur kif dovut skond kont dokument AFE flimkien mal-imgħaxijat legali mill-preżentata ta’ din il-kontro talba.

“Bl-ispejjeż kontra l-istess attur Joseph Mifsud li huwa nġunt għas-subizzjoni, inklużi dawk tal-mandati kawtelatorji tas-sekwestru, impediment ta’ safar u dak ta’ qbid ppreżentati kontestwalment ma’ din il-kontro talba.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenuti nomine maħlufa minn Saviour Ellis.

"Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-attur għal din il-kontro-talba li biha eċċepixxa illi:

"1. Illi t-talba tal-konvenuti nomine proposta fil-kontro-talba tagħhom hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' konvenuta stante li l-materjal fornit minnha lill-eċċipjenti kien fih difetti latenti li taw lok għall-azzjoni redhibitoria, liema azzjoni ġiet istitwita mill-istess eċċipjenti odjern u tat bidu għal dawn il-proċeduri ġudizzjarji.

"2. salvi eċċezzjonijiet oħra.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-attur annessa ma' din in-nota tal-eċċezzjonijiet u minnu maħlufa.

"Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Frar 1992 fejn innominat lill-A.I.C. David Pace bħala perit tekniku f'din il-kawża.

"Rat ir-relazzjoni tal-istess perit ippreżentata fil-15 ta' Settembru 1992 u minnu maħlufa fis-16 ta' Frar 1993.

"Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Frar 1994 fejn, fuq talba tal-konvenuti nomine għall-ħatra ta' periti perizjuri, innominat lill-A.I.C. Fredrick Dublet, u lil Frank Abela u Maurice Meli Bugeja bħala periti addizzjonali.

"Rat id-digriet tagħha tal-10 ta' Ottubru 1997 fejn irrevokat il-ħatra ta' dawn il-periti tekniċi, u nnominat minflokhom lill-A.I.C. Joseph Mizzi, lill-A.I.C. Amodeo Mifsud u lill-A.I.C. Albert Borg Costanzi.

"Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Marzu 1998 fejn issostitwiet lill-A.I.C. Amodeo Mifsud bl-A.I.C. Keith Cole fl-istess inkarigu.

"Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Gunju 2002 fejn issostitwiet lill-A.I.C. Keith Cole b'Joseph Azzopardi fl-istess inkarigu.

“Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Awwissu 2002 fejn isssotitwiet lil Joseph Azzopardi bl-A.I.C. Kennith Zammit Endrich fl-istess inkarigu.

“Rat ir-relazzjoni tal-periti addizzjonali l-A.I.C. Albert Borg Costanzi, l-A.I.C. Joseph Mizzi u l-A.I.C. Kennith Zammit Endrich ippreżentata fit-23 ta' April 2004 u maħlufa mill-A.I.C. Albert Borg Costanzi fis-6 ta’ Lulju, 2005, mill-A.I.C. Joseph Mizzi fit-3 ta’ Lulju, 2009, u mill-A.I.C. Kenneth Zammit Endrich fil-25 ta’ Settembru, 2009.

“Rat il-verbal tagħha tad-19 ta' Mejju 2009, fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

“Rat in-noti tal-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

“Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti.

“Ikkunsidrat:

“Illi permezz taċ-ċitazzjoni tiegħu l-attur eżerċita l-azzjoni redibitorja biex jannulla kuntratt ta' bejgħ u appalt mogħti lill-konvenuti nomine sabiex jissuplixxu, jqiegħdu, jgħorku u jillustraw kwantita' ta' madum tal-granit li kellu jitqiegħed fir-residenza tiegħu f'H'Attard. Dan għamlu għaliex qed jallega illi dan il-madum kellu difetti moħbija li ma setgħax jinduna bihom qabel.

“Għal din iċ-ċitazzjoni l-konvenuti nomine eċċepew fl-ewwel lok il-preskrizzjoni jew dekadenza tal-azzjoni billi din ma saritx fiż-żmien stipulat mil-liġi għal tali azzjoni. Jiċħdu li kien hemm xi difetti moħbija f'dan il-granit. Jikkontendu wkoll illi din l-azzjoni ma tistax tirnexxi għax l-attur ma setgħax jirritorna l-granit lilu mibjugħ u konsenjat, u għalhekk l-azzjoni li messha ġiet eżerċitata hija dik stimatorja u mhux ir-redibitorja.

“Fil-kontro-talba tagħhom imbagħad l-istess konvenuti nomine qed jitolbu li l-attur jiġi kkundannat iħallashom il-bilanċ mill-prezz dovut għal dan il-bejgħ u appalt, għal-

liema talba l-attur jopponi għall-istess raġunijiet imqajma fiċ-ċitazzjoni tiegħu.

"Ġara illi fis-27 ta' Frar 1988 sar ftehim bejn il-kontendenti biex il-konvenuti nomine jissuplixxu kwantita' ta' madum tal-granit isfar biex jitqiegħed fir-residenza tal-attur, jingħorok u jiġi llustrat minnhom. Il-prezz għal dan il-bejgħ u appalt kellu jkun ta' Lm3400.32[1] li minnhom tħallas depożitu akkont tal-prezz fis-somma ta' Lm1000.[2] Ix-xogħol beda jsir fil-bidu ta' Ġunju ta' wara u dam sejjer madwar ħmistax-il ġurnata. Wara li sar l-għorik l-attur nduna li kien hemm xi varjazzjonijiet fil-kulur f'uħud mill-madum supplit u lmenta dwar dan mal-konvenuti. Għal din ir-raġuni rrifjuta li jħallas il-bilanċ tal-prezz dovut u istitwixxa din il-kawża biex jitlob rexissjoni tal-kuntratt a bażi tal-*actio redhibitoria* u r-rifużjoni tal-pagament akkont li kien għamel. Il-konvenuti, kif ġia ntqal, da parti tagħhom intavolaw kontro-talba biex jitolbu l-bilanċ dovut.

"L-ewwel perit tekniku rrelata li l-attur kellu raġun jilmenta għax "*il-granit imqiegħed fih difetti, liema difetti ma setgħux jiġu nnotati qabel ma sar il-lostru u tgħorik, u li d-difetti huma serji biżżejjed tant illi x-xogħol ma kienx jiġi ordnat li kieku kien possibbli li wieħed jara dawn id-difetti qabel ma saret l-ordni*..."[3]

"Il-periti addizzjonali kienu ta' opinjoni diversa u nfatti kkonkludew illi: "… *l-konvenuti ma setgħux jiggarantixxu illi kull konsenja tkun tixbah perfettament lill-kampjun, għalhekk waqt li jistqarru li dak li raw fil-pavimentazzjoni hemm varjazzjoni fil-kulur u fi sfumaturi ta' forma lineari ta' kulur iktar ċar iħossu li din hi ħaġa normali fil-granit u seta' biss jiġi evitat kwalora ssir ordni iktar kbira sabiex jista' jingħazel il-madum b'inqas sfumaturi u b'inqas varjazzjoni ta' kulur u dan biss jekk jitqiegħed illustrat.*

*Illi waqt li veru li ċertu ammont ta' lega fuq il-wiċċ tal-madum inaqqas il-possibilita' li wieħed jara jekk għandux jiskarta dak li forsi ma jkunx aċċettabbli xorta b'tixrib*

[1] Ara *statement* Dok. SE a fol. 25 tal-process.
[2] ara *statement* a fol. 26 .
[3] ara konkluzjonijiet peritali a fol. 72.

*b'ilma, wieħed jista' jistabilixxi qabel ma jitħalleb jekk hemmx tant varjazzjoni fil-kulur u kienx hemm tant sfumaturi….*" [4]

“Bl-ewwel eċċezzjoni tagħhom għat-talbiet tal-attur, il-konvenuti qed jgħidu illi l-azzjoni attriċi hija perenta minħabba li ma saritx fiż-żmien konċess mill-liġi. Meta ġiet intavolata din iċ-ċitazzjoni iż-żmien li fih kellha ssir kawża bħal din, għal dak li jirrigwarda mobbli bħal ma għandna fil-każ in eżami, kien ta' xahar biss. Bl-emendi tal-1994,[5] dan il-perijodu ġie estiż għal sitt xhur.[6] Din il-Qorti taqbel mal-konvenuti nomine li l-perijodu applikabbli għall-każ odjern huwa dak ta' meta ġiet intavolata l-kawża u għalhekk dak ta' xahar minn meta jiġi skopert il-vizzju moħbi. F'dan is-sens ukoll hija l-ġurisprudenza in materja.[7] Fil-każ tagħna ix-xogħol in kwistjoni kien qed isir fl-ewwel ħmistax-il ġurnata tax-xahar ta' Gunju 1988 u, skond ma jammetti l-konvenut Salvu Ellis stess, dam xi ħmistax-il jum biex jitlesta. L-attur jgħid li skopra l-allegati difetti tal-varjazzjoni fil-kulur f'uħud mill-madum,[8] wara li kien sar l-għorik. Iċ-ċitazzjoni ġiet intavolata fit-30 ta' Gunju 1988, u għalhekk fi kwalunkwe każ saret żgur entro t-terminu konċess mil-liġi. L-ewwel eċċezzjoni qed tiġi għalhekk miċħuda.

“L-istess pero' ma jistgħax jingħad fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni li hija wkoll ta' natura preliminari. Il-konvenuti nomine jargumentaw illi f'dan il-każ l-azzjoni redibitorja ma setgħetx tiġi eżerċitata għax l-attur ma rritornax il-madum in kwistjoni lilhom qabel ma ġiet istitwita din il-kawża u l-anqas ma ddepożitah taħt l-awtorita' tal-Qorti, kif kien obbligat li jagħmel skond ma ġie stabilit kostantement mill-qrati tagħna. Infatti ingħad illi: "It-tieni punt li hu ta' ostakolu għall-azzjoni attriċi hi li, skond il-ġurisprudenza, biex kompratur jista' jirnexxi b'azzjoni redibitorja, m'għandux iżomm l-oġġett għandu, iżda għandu jirritorna l-oġġett lill-venditur jew jiddepożitah taħt l-awtorita' tal-

[4] ara rapport a fol. 308.
[5] Att XXVIII tal-1994.
[6] art. 1431 tal-kap. 16.
[7] ara Prim' Awla: Emanuel Fava v. Prof. John Mamo pro et noe.: 3.10.2003 fejn din il-kwistjoni ġiet diskussa b'mod elaborat.
[8] ara ritratti Dokti. A sa I minnu esebiti a fol. 42.

Qorti. Iż-żamm tal-oġġett mill-kompratur huwa inkompatibbli ma' l-azzjoni intiża għar-rexissjoni tal-bejgħ. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża 'Busietta vs Borg Cardona' deċiża fis-6 ta' Ottubru 2000, 'il-kompratur ma kellux id-dritt li jibqa' jżomm l-oġġett f'idejh u jirrilaxxjah biss lill-venditur meta dan iroddlu l-prezz tiegħu. Hu kellu l-obbligu li, minufih appena jirrifjuta l-oġġett mibjugħ għaliex ikun irriskontra difetti latenti, li jagħti lura l-ħaġa lill-venditur.' Il-prinċipju li l-azzjoni redibitorja ma tistax tintlaqa' meta x-xerrej jkun żamm għandu l-oġġett, ġie aċċettat ukoll fil-kawża Vella vs Mifsud, deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fit-2 ta' Novembru 1990 u fil-kawża Sammut vs Debono deċiża minn din il-Qorti fid-29 ta' Ottubru 1999, fost oħrajn." [9]

"Imkien ma rriżulta li l-attur għamel xi ħaġa simili biex jissalvagwardja d-drittijiet tiegħu u għalhekk din l-eċċezzjoni hija ġustifikata u timmerita li tiġi milqugħa.

"Minn naħa l-oħra, issa m'għandu jkun hemm ebda ostakolu sabiex tintlaqa' l-kontro-talba tal-konvenuti nomine. L-attur ma jiċħadx li l-ammont kollu tal-kuntratt kien ta' Lm3400.32, li minnu hemm qbil li tħallas biss l-ammont ta' Lm1000 bħala depożitu akkont tal-prezz meta saret l-ordni. Id-difiża tiegħu għat-talbiet tal-konvenuti kienu d-difetti moħbija li allegatament kienu jeżistu fil-madum lilu mibjugħ u konsenjat. Imma kif inhu magħruf tali difiża ma tistax tinġieb sempliċement per via di eċċezzjoni, imma trid issir kawża *ad hoc*, kif fil-fatt għamel l-attur. Billi pero' il-kawża tal-attur hija għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija destinata li tfalli, jiġi li l-konvenuti nomine huma ntitolati għall-bilanċ ta' Lm2400.32 minn dan il-prezz.

"Għal dawn il-motivi tiddeċidi:

"(a) dwar iċ-ċitazzjoni billi, filwaqt illi tilqa' t-tielet eċċezzjoni, u fiċ-ċirkostanzi tiddikjara l-azzjoni tal-attur mhux sostenibbli, tillibera lill-konvenuti mill-osservanza

[9] Prim' Awla: Joseph Vella noe v. Anthony Migneco et noe : 9.06.2005; ara wkoll Appell : Apex Interiors Ltd. v. Martin Camilleri: 20.10.2004, u F. Zammit Automobiles Ltd. v. Charles Bezzina: 30.06.2003.

tal-ġudizzju; bl-ispejjeż kontra l-attur; u dwar il-konto-talba, billi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-attur, tilqa' t-talba tal-konvenuti nomine u tikkundanna lill-attur sabiex iħallashom is-somma ta' Lm2400.32, ekwivalenti llum għal ħamest'elef ħames mija tnejn u disgħin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (EUR5592.75), rappreżentanti bilanċ minn somma akbar dovut bħala prezz ta' granit isfar mibjugħ, ikkonsenjat, mwaħħal u ippolixjat fil-fond tal-attur, bl-imgħaxijiet legali mill-preżentata ta' din il-kontro-talba sad-data tal-pagament effettiv; u bl-ispejjeż kontra l-attur ukoll."

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**3.** Din hija azzjoni fejn l-attur talab li jigi rexiss il-ftehim ta' bejgh ghal konsenja ta' granit isfar li sar mal-konvenuti nomine stante li dan kien affett minn difetti mohbija. Talab ukoll ir-rifuzjoni tad-depozitu li kien ghamel rigwardanti l-istess granit.

**4.** Da parti taghhom il-konvenuti nomine mhux biss ecceppew li ma jezistux id-difetti msemmija fic-citazzjoni u li l-azzjoni attrici qatt ma tista' tirnexxi stante li hu ma jistax jirritorna l-granit mibjugh u konsenjat, imma intavolaw kontro-talba fejn talbu l-bilanc tal-prezz ghall-istess granit.

**5.** Meta l-haga kunsinnata mill-bejjiegh tkun afflitta minn xi vizzju okkult, ir-rimedji tal-bejjiegh huma dawk previsti mill-Artikolu 1427 tal-Kodici Civili u cioe` jew l-azzjoni redibitorja jew l-azzjoni *quanti minoris*. Il-ligi tipprovdi li x-xerrej jista' jaghzel billi jigi 'l quddiem bl-azzjoni redibitorja billi jaghti lura l-haga u jitlob ir-radd tal-prezz inkella billi jigi 'l quddiem bl-azzjoni aestimatorja, izomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti.

**6.** L-ewwel u t-tieni aggravju tal-appellant huma marbutin intrinsikament ma' xulxin u ghalhekk se jigu trattati flimkien.

**7.** L-appellant isostni illi l-ewwel Qorti kienet skorretta meta ddecidiet illi l-azzjoni ma setghetx tirnexxi stante li

huwa ma rritornax l-oggett mibjugh. Skont l-istess appellant iz-zewg obbligi naxxenti minn artikolu 1427 tal-Kodici Civili, u cioe` ir-radd tal-oggett u r-rifuzjoni tal-prezz ghandhom isiru simultanjament. L-appellant jirrileva illi ghalkemm hu kien dispost li jirritorna l-granit, kien hemm id-diffikulta` li l-granit kien diga` twahhal u li kieku qabad u qalghu huwa ma kienx se jirritornah lura shih. In sostenn tal-argument tieghu l-appellant jiccita zewg sentenzi u cioe` **Angelo Farrugia v. Louis Camilleri et noe** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Gunju 1993 u **George Vassallo v. Lawrence Fenech et noe** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' April 1988.

**8.** Din il-Qorti kellha l-opportunita` tevalwa dawn iz-zewg sentenzi. Fir-rigward tal-ewwel sentenza citata u cioe` **Angelo Farrugia v. Louis Camilleri et noe** jirrizulta li l-konvenuti f'dik il-kawza kienu kontumaci u l-Qorti qalet is-segwenti:

"F'dan il-kaz, il-konvenuti huma kontumaci, u ghalhekk ma jistax ikun hemm kwistjonijiet ohra li jistghu jostakolaw it-talba tal-attur anke peress li m'hemm xejn li din il-Qorti tista' tissolleva *ex officio*".

**9.** Ghalhekk fix-xenarju ta' din il-kawza, ghalkemm il-mertu huwa wiehed identiku, ma kien hemm l-ebda kwistjoni sollevata dwar in-nuqqas ta' depozitu o meno tal-oggett difettuz, kif fil-fatt sar fil-kawza odjerna. Ghalhekk dik il-Qorti ma setghetx tiddeciedi hlief bil-mod kif iddecidiet. Min-naha l-ohra, it-tieni kawza citata u cioe` **George Vassallo v. Lawrence Fenech et noe** bl-ebda mod ma tirrispekkja c-cirkostanzi mertu ta' dan il-kaz stante li f'dik il-kawza ma gietx ezercitata l-azzjoni redhibitoria imma kienet azzjoni biex il-konvenuti li ssupplixxew konsenja ta' granit jaghmlu x-xoghlijiet necessarji biex jirrimedjaw id-difetti riskontrati fih.

**10.** Jekk wiehed jara l-gurisprudenza li zviluppat konstantement fir-rigward tal-azzjoni *redhibitoria* jsib li d-depozitu tal-oggett difettuz huwa essenzjali sabiex tirnexxi l-istess azzjoni. Filwaqt li jista' jkun, kif sottomess mill-attur, illi jekk l-irham mertu tal-kawza jinqala' seta' jigrilu xi

hsara, dan ma jinnewtralizzax l-obbligu tieghu li jikkonserva l-oggett mibjugh fl-istat li kien meta huwa nduna bid-difetti allegati. Kif gie sottomess mill-appellati fir-risposta taghhom ghal dan l-appell, li kieku l-irham inqala' b'galbu seta' facilment jigi salvat, jekk mhux kollu, almenu hafna minnu. Kif intqal fis-sentenza **Busietta noe v. Borg Cardona et noe** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000:

"l-harsien ta' dan l-obbligu tax-xerrej (ladarba jkun ghazel li ma jridx l-oggett) jaf il-htiega tieghu ghall-fatt li l-effett tal-azzjoni redhibitoria huwa wiehed li jhassar in-negozju u li jerga' jqieghed lill-partijiet fl-istess qaghda li kienu qabel intlahaq il-ftehim (**Art. 1209 (1) tal-Kap 16)**. Dan jinghad ghaliex l-oggett ikun irid jintradd lura fl-istess kundizzjoni u stat (ukoll jekk diga` milqut b'difett jew nuqqas) li kien meta intlahaq il-ftehim."

**11.** Tal-istess fehma kienet il-Qorti fil-kawza **Zammit Automobiles Limited v. Charles Bezzina** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 2003 fejn gie ritenut illi:

"Ghalkemm il-konvenut kien qed jipprova jasal ghal xi ftehim ma' l-atturi biex hu jhallas inqas mill-valur tal-coach hu baqa' juza l-coach li xtara u mpjegah ghall-iskop li ghalih gie akkwistat, u b'hekk tpogga fil-impossibilita' li jikkonsenja lura l-oggett. Dan huwa differenti mill-kaz ta' dak ix-xerrej li jirrifjuta l-oggett li jkun baghtlu l-bejjiegh ghax l-oggett hu hazin u mhux adatt ghall-fini tax-xiri, kif hu dejjem prezunt li ghandu jkun l-oggett mibjugh, u javza lill-bejjiegh b'dan ir-rifjut."

**12.** Kif gie ritenut ukoll fil-kawza **Anton Grima v. Anthony Fenech nomine** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Ottubru 2009, fuq materja simili bid-differenza li l-attur kien iddispona mill-maggoranza tal-granit,

"...bil-fatt li baqa' jzomm il-granit wara li skopra d-difetti, huwa tilef kull rimedju li seta' kellu kontra l-konvenut noe. Ir-radd tal-haga difettuza lill-venditur huwa rekwizit krucjali

tal-azzjoni redibitorja ghad-differenza tal-azzjoni estimatorja.”

**13.** Fl-istess sentenza appena citata giet citata is-sentenza l-ohra citata aktar ‘il fuq u cioe` **Busietta noe v. Borg Cardona et noe** fejn intqal:

“il-ligi tipprovdi l-mezzi procedurali kif ix-xerrej jista’ jibqa’ jzomm l-oggett f’idejh u jroddu biss lill-venditur meta dan ihallas il-prezz tal-bejgh. Fost dawn il-mezzi procedurali, kien hemm id-depozitu tal-granit bl-appozita cedola taht l-awtorita` tal-Qorti...”.

**14.** Din il-Qorti taqbel mar-ragunament tal-ewwel Qorti li kkonkludiet illi l-fatt li l-appellant naqas milli jiehu dawk il-mizuri necessarji sabiex jikkawtela l-posizzjoni tieghu ippregudikah b’tali mod li l-azzjoni odjerna hija destinata li tfalli. Din il-Qorti ma taqbilx mar-ragunament tal-appellant illi r-ritorn tal-oggett mibjugh u r-radd lura tal-prezz tal-haga mibjugha ghandhom isehhu simultanjament. Fil-fehma ta’ din il-Qorti ir-radd lura tal-haga mibjugha ghandu jsehh malli x-xerrej jinduna bid-difett latenti ghaliex jekk huwa jibqa’ fil-pussess tal-haga mibjugha ikun qieghed implicitament jaccetta l-istess haga bid-difetti li fiha. Dan apparti l-fatt li iktar kemm jghaddi zmien sakemm l-istess haga tigi ritornata, l-istess haga tista’ tiddeterjora kompletament jew parzjalment u kwindi jkun impossibbli li jsehh dak li tesigi l-ligi u cioe` li kulhadd jerga’ jitqieghed fil-posizzjoni li kien fiha qabel ma gie finalizzat il-bejgh. Jirrizulta illi fil-kaz prezenti il-granit inxtara fl-1988 u llum, hamsa u ghoxrin sena wara, l-istess granit ghadu fil-pussess tal-appellant. F’dawn ic-cirkostanzi zgur li l-granit mertu ta’ din il-kawza m’ghadux fl-istat pristinu ta’ hamsa u ghoxrin sena ilu u kwindi dak li trid il-ligi zgur ma jistax isehh. Kif jirrizulta mir-rapport tal-periti perizjuri, liema rapport sar tnax-il sena wara l-ewwel rapport, l-istess periti irriskontraw certi anomaliji li setghu jkunu rizultat taz-zmien u tal-uzu li sar mill-istess granit. Din il-Qorti hija tal-fehma illi li kieku l-appellant qala’ l-istess granit u ddepozitah malli nduna bid-difetti xorta setghu jigu evalwati u verifikati minn din il-Qorti l-istess

difetti u b'hekk kien jezimi ruhu minn kull responsabbilita` taht il-Ligi.

**15.** Ghaldaqstant l-ewwel zewg aggravji qeghdin jigu michuda.

**16.** Sorvolati l-ewwel u t-tieni aggravji, din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina it-tielet aggravju fejn l-appellant hassu aggravat illi l-ewwel Qorti ikkundannatu jhallas is-somma ta' EUR5592.75 ekwivalenti ghal Lm2400.32 rapprezetanti l-bilanc li kien ghad fadal ghall-bejgh u appalt in kwistjoni, u dan ghaliex skont l-istess appellant kien ovvju li l-oggett mibghuh kien affett minn difetti mohbija u li kieku kien jaf bihom zgur li ma kienx se jixtrih.

**17.** Fil-kors tal-kawza gie mahtur il-Perit Tekniku AIC David Pace sabiex jirrelata dwar id-difetti riskontrati mill-appellant. Skont ir-rapport li l-istess Perit ipprezenta fil-15 ta' Settembru 1992[10] l-appellant kellu ragun ma jkunx sodisfatt bil-granit supplit lilu stante li kien aflitt minn difetti serji u li ma setghux jigu nnotati qabel ma sar il-lostru u l-ghorik.

**18.** Madankollu il-konvenuti nomine talbu n-nomina ta' periti perizjuri u ghal dan il-ghan gew nominati l-Periti AIC Albert Borg Costanzi, AIC Joseph Mizzi u AIC Kenneth Zammit Endrich li pprezentaw ir-relazzjoni taghhom fit-23 ta' April 2004[11] fejn ikkonkludew li ghalkemm il-granit li raw kellu varjazzjoni fil-kulur u fih sfumaturi ta' forma lineari ta' kulur iktar car, kienu tal-opinjoni li din kienet haga normali fil-granit u seta' biss jigi evitat jekk issir ordni iktar kbira sabiex jinghazel il-granit b'inqas sfumaturi u b'inqas varjazzjoni ta' kulur u dan biss jekk jitqieghed illustrat. Esprimew l-opinjoni wkoll illi wara tant zmien il-granit jista' juri titqib fil-wicc u dan minhabba l-prezenza tal-ilma, u ghaldaqstant is-soluzzjoni li offrew kienet li mis-somma bilancjali kellha titnaqqas is-somma ta' Lm400 biex tpatti ghall-fatt li l-offerta tal-konvenut Salvu Ellis li jbiddel xi madum ma gietx esegwita. Madankollu l-ewwel

[10] Fol. 64 et seq.
[11] Fol. 372 et seq.

Qorti ma setghetx tadotta din is-soluzzjoni stante li l-azzjoni li pproceda biha l-attur kienet fuq binarju iehor.

**19.** Ghalhekk abbazi tal-konsiderazzjonijiet teknici, specjalment tal-ewwel Perit mahtur mill-ewwel Qorti, jirrizulta kjarament illi l-granit supplit mill-konvenuti nomine kellu xi difetti fih. Madankollu peress li t-talbiet fil-kawza principali intavolata mill-appellant gew michuda, l-istess appellant ma kien ghad fadallu l-ebda eccezzjoni x'joffri ghat-talbiet tal-konvenuti nomine rigward il-hlas bilancjali. Ghaldaqstant, ghalkemm din il-Qorti jirrizultalha li l-granit kien effett minn difetti latenti, hija tal-fehma illi l-ewwel Qorti ma setghetx taghmel mod iehor hlief li tilqa' t-talbiet tal-konvenuti nomine kif kontenuti fil-kontro-talba taghhom.

**20.** Ghaldaqstant dan l-aggravju qieghed ukoll jigi michud.

**Decide**

Ghaldaqstant, din il-Qorti filwaqt li tichad l-appell tal-attur appellant, tikkonferma s-sentenza appellata b'dana illi l-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu in kwantu ghal wiehed minn tmienja ($^{1}/_{8}$) mill-konvenuti nomine appellati u sebgha minn tmienja ($^{7}/_{8}$) mill-attur appellant u dan in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------